# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

IL-LSIEN MALTI FQIR ?
ĦADDMU BIEX TAGĦNIH.

**It-Tielet Sena** **Ottubru 1933** **No. 32**

Stampât fl-"EMPIRE PRESS" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

The Royal University of Malta

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

OTTUBRU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 32

# IT-TIFKIRA TAT-8 TA' SETTEMBRU F'GĦAWDEX

Waqt li Malta miġmugħa madwar il-monument tar-Rebħa l-kbira tas-sena 1565 kienet iġġedded it-tifkira ta' dik ir-Rebħa u trodd il-ħajr lil dawk lil-Qalbenin li b'demmhom żejjnuha bl-isbaħ u bl-ogħla ġieħ, ma kienx xieraq li l-gżira tat-tliet għoljiet tibqa' siekta u ma tħollx hi wkoll leħinha f'għanja ta' tifħir. Kellha hi wkoll il-gżira ż-żgħira sehimha fit-taqbida ħarxa, u ħadet hi wkoll il-ħlas tar-rebħa. Jekk f'Malta ċċarċar id-demm f'Għawdex iċċarċar id-dmugħ, dmugħ ta' biki, dmugħ ta' talb lil Alla, dmugħ ta' ferħ meta ġ-ġfien tat-Torok telliefa għabu għal kollox mill-baħar tagħna.

Biex ifakkar f'Għawdex ir-Rebħa tat-8 ta' Settembru 1565 kien magħżul is-Sur Ġużè Aquilina B.A., Għawdxi, magħruf biżżejjed mill-qarrejja tagħna. Kittieb mill-aħjar tal-Malti, student mill-aħjar fost sħabu, mixgħul b'imħabba safja lejn kull ma hu Malti, l-għażla tiegħu biex jitkellem fuq l-aqwa ġrajja ta' Malta u Għawdex ma setgħetx tkun aħjar. U fid-diskors li għamel is-Sur Aquilina wera tassew xi tħoss qalbu. M'hux tlablib fieragħ, mhux tlellix ta' kliem sabiħ li jgħammex l-għajnejn iżda ma jmissx il-qalb, bħalma aktarx nisimgħu meta ssir tifkira ta' ġrajja mgħoddija, iżda ħeġġa ta' qalb li tħoss u tqanqal fi qlub oħra l-ħass tagħha. Kull kelma qisha xrara nar, qisha vleġġa li ttir dritt ġo nofs il-qalb. Malta hi kbira, dan hu l-ħsieb ewlieni tad-diskors, għax mijiet u mijiet ta' snin qabel ma twieldu n-nazzjonijiet kbar tal-lum hi kellha s-snajja tagħha, r-reliġjon tagħha, t-tempji tagħha, ċ-ċiviltà tagħha. Iżda Malta hi iżjed kbira għax fuqha tiddi, bla ma ntfiet qatt, id-dija tas-Salib li għalih tqâbdu, taw ħajjithom u rebħu misserijietna. Jekk irridu ngħożżu l-kobor u l-gieh ta' Artna, nimxu dejjem fid-dija ta' dawn iż-żewġt idwal u nitqâbdu mhux, le, bejnietna, iżda mal-egħdewwa li, mikulin mill-għira, iridu jneżżgħulna l-isbaħ żîna li għandna.

Biex inwieġbu għax-xewqa tal-qarrejja tagħna, sa nġibu hawn sħiħ id-diskors kollu.

P. P. Saydon

# IT-TIFKIRA TA' L-ASSEDJU L-KBIR

## Għawdex, 23 ta' Settembru, 1933

Għawdxin ħuti,

Kull nazzjon ċivili tgħożż it-tifkira ta' l-imgħoddi tagħha, kull nazzjon ċivili tfittex li mill-imgħoddi tislet tagħlim sħiħ u tajjeb biex titma r-ruħ taċ-ċittadini tagħha, billi tixgħel fihom in-nar ta' l-imħabba lejn Arthom, billi tgħaqqadhom flimkien, bħal aħwa minn Omm waħda, fl-għaqda tal-qawwa li biex ngħid hekk hi s-sies ta' kull kobor nazzjonali. Il-lum, aħna rġajna ltqajna biex, għal ftit ħin, nagħmlu t-tifkira ta' waħda mill-akbar glorji ta' Artna, tifkira kbira, tifkira qaddisa—it-tifkira tar-Rebħa Maltija tat-8 ta' Settembru tal-1565. Xejn ma jgħodd li hawnhekk laqqgħetna tifkira ta' rebħa ta' aktar minn tlett mitt sena ilu, għax dik ir-Rebħa għadha sa' llum tifrex għeruqha ma' dwar qalbna, u tarmi mirja ta' dwal fuq triqtna, xebħ ta' ideal glorjuż, ideal li għandu jmexxina fil-ġlieda t-tajba, għal-ġid ta' pajjiżna. Tifkira għażiża għan-nazzjon il-lum laqqgħetna hawnhekk flimkien, it-tifkira tar-Rebħa Maltija, tar-Rebħa li sebbħet it-tempju tal-ġens Malti fil-qalba tal-Mediterran. U b'leħen għoli llum, qisu l-leħen ta' l-iswar imdemma, jew il-leħen ta' profeti li jkebbsu l-qlub ta' ġenshom b'tifkiriet ta' glorja, Malta tagħna ssejħilna għal din il-laqgħa biex aħna bi qlub ta' ċittadini tabilħaqq, infakkru fir-Rebħa tal-Gżejjer tagħna, ir-Rebħa li rifdet is-Saltna tan-Nazzarenu fuq l-art, u naddfet ix-xtut ta' l-Ewropa minn l-eqqel għadu kontra Kristu ta' dawk iż-żmienijiet li kien is-sultan Soliman, kbir fis-setgħa tal-flotta tiegħu, imgħammra mill-aħjar, il-biża' tas-slaten insara. Ma jistax ikun li Għawdxi, li jagħraf li hu jagħmel sehem minn nazzjon daqshekk għanja fl-istorja tagħha, ma jħaresx dan il-Jum kbir tan-Nazzjon. Ħutna l-Maltin ħalfuha qabilna l-ħalfa Maltija quddiem il-monument li għandhom, turija ta' ideal qawwi. Ħalfuha qabilna l-ħalfa Maltija, jiġifieri l-ħalfa kbira, fl-isem ta' Alla u Malta, li aħna ma għandna nonqsu qatt minn dmirna lejn l-istorja tal-Gżejjer tagħna, lejn il-kobor ta' pajjiżna li jiftaħar b'ċiviltà bil-bosta qadima, kif urietna x-xjenza tal-arkeoloġija, ċiviltà li torbotna mal-ibgħad żminijiet ta' qabel l-istorja, żminijiet meta nazzjonijiet, il-lum l-għaġeb tad-dinja, kienu għadhom ma sarux ċivili. Il-leħen ta' Nazzjon bħal din mela, li ma għandha xejn għax tgħir għan-nazzjonijiet oħra f'dak li hu kobor ta' storja, ma jistax jkun li ma jinżlilniex sa ġewwa ruħna, biex jixegħlilna qalbna b'nar iħeġġeġ, b'dawl fil-moħħ, u ħrara fil-qalb sabiex is-sena wkoll nagħmlu t-tifkira tar-Rebħa l-kbira

bħal ħutna l-Maltin. Tassew li aħna minħabba xi ċirkustanzi ħallejna ż-żmien igħaddi mit-8 ta' Settembru, imma dan ma jfisserx li fina l-Għawdxin hi inqas il-ħeġġa, jew inqas qawwi n-nar ta' l-imħabba għal-Gżejjer tagħna. Aħna ma nsejniex, u ma stajniex ninsew, kemm swietilhom lil misserijietna l-glorja li l-lum artna tiftaħar biha, bħal għarusa ċkejkna bit-tiżjin ta' fuq spallejha, jew bin-nisġa ward fi lbiesha mieles tal-ħarir. Le, aħna ma nsejniex għax qatt ma stajna ninsew x'ferħ u tifwir ta' hena nisslet f'qalb in-nies Maltin u Għawdxin din ir-rebħa mbierka tat-8 ta' Settembru. Il-bniedem maqtul bil-għatx biss jaf igħid-lek x'benna fih l-ilma li jfawwar nadif u safi fil-widien tagħna, hu li daqu wara li griżmejh kienu nħarqulu bin-nixfa jaf igħid-lek kif l-ilma jati l-ħajja, u jraġġa' t-tbissima fuq il-fomm. Hekk xejn inqas, missirijietna biss, li kellhom griżmejhom niexfa bil-għatx tal-paċi, meta donnu għalihom fid-dinja kienu nixfu l-għejjun tal-ħniena, jistgħu jfissrulna x'ferħ nisslet fihom il-ħarba tal-flotta Torka mix-xtut ta' Malta wara iżjed minn tlett xhur ta' taqtigħ u tixrid ta' demm bil-widien. Huma biss—u llum il-leħen ta' Malta jqajjimhom minn qabarhom —huma biss jafu jgħidulna b'liema saħħa u ħerqa ħarġet minn sidirhom l-għajta tar-Rebħa, meta l-qniepen ta' San Lawrenz il-Birgu daqqew daqq ta' ferħ, meta n-nisa mat-tfal tagħhom u ma' żwieġhom iżżew ħajr 'l Alla li ħeles lil Malta mid-dwiefer tal-Misilmin. Il-qalbenin ta' Sant Jiermu—ta' dak Sant Jiermu li lil Misilmin b'inkejja ta' Pjali swielhom 34 jum xogħol u eluf ta' ġannizzari u ispaħin mejta — il-lum jidhrulna fid-dija tas-sema Malti b'La Valette f'nofshom iħarsu lejn il-Gżejjer tagħna bil-ħarsa ta' min jaf li tqabad u rebaħ, ta' min jaf li ġġieled l-ġlieda t-tajba, il-ġlieda li waqqfet f'Malta l-ogħla monument ta' glorja kbira, glorja li setgħet tnebbaħ l-għana lil-poeti Simonide u Pindaro li għollew sas-seba' sema l-ġieħ tan-nazzjon Griega. Lix-xjuħ tagħna Maltin u Għawdxin messet ir-Rebħa, imma kemm qtigħ ta' qalb raw ma' wiċċhom, kemm għawġ, għaqqux u dnewwa qabel ma ħelsu mill-flotta ta' Soliman darba għal dejjem! Biż-żejjed ngħidu li Għawdex tagħna, bi ħtija tal-Grammastru għaż-żien D'Omedes, fl-1551 kien miknus mit-Torok tal-Baxà Sinam, tant li mill-Għawdxin ta' dawk iż-żminijiet ma salvawx ħajjithom ħlief xi erbgħin ruħ. Taraw kif missierijietna ħallsuh il-qantar sakemm setgħu jsemmgħu l-għajta kbira tar-Rebħa mal-Ewropa kollha.

Ma hemmx għalfejn immexxikom mal-ġrajjiet ta' l-assedju l-Kbir bid-dati u r-reqqa tad-deskrizzjonijet, għax il-lum dmiri mhux li nagħmel xogħol ta' kitba sabiħa, imma li nqanqal l-imħabba lejn Artna, billi nuri l-qofol tad-dmirijiet li din ir-rebħa kbira xeħtet, u għadha tixħet, fuq spallejna. Storja ma hix

storja li ma tgħallemx, li ma tiftaħx il-moħħ ta' min jaqralha, u ġġagħlu jifhem il-kobor ta' dik il-Qawwa li hi l-bidu ta' kull ġrajja glorjuża, daqs kemm ix-xemx hi l-bidu tax-xmajjar ta' nirien li jidhru jħeġġu fil-għodu kmieni ma' rjus is-sħab. Jien q'ed nitħaddet mill-Qawwa ta' Alla—il-Bennej tan-Nazzjonijiet—li jmexxi b'għaqal bla għilt il-ġrajjiet kbar tad-dinja, dawk il-ġrajjiet li fuqhom hi mibnija l-vera glorja ta' kull pajjiż ċivili. Xi wħud, għomja sa' quddiem ix-xemx ta' nofs inhar, ma jilmħu l-ebda ordni, l-ebda rabta jew nisġa ta' armonija fil-ġrajjiet il-kbar tal-ħajja. Għalihom hu kollox aċċident, kollox qisu kobba mħabbla. Mhux hekk aħna quddiem il ġrajja ta' pajjiżna, quddiem din ir-Rebħa li tagħha llum ltqajna biex nagħmlu t-tifkira. Aħna, fir-rebħa li niesna kellhom fuq it-Torok bil-bosta aktar kotrana, nilmħu d-driegħ ta' Alla, Alla ta' l-insara, r-ruħ u n-nifs taċ-ċiviltà kattolika li għaliha tqabdu l-Maltin, ċiviltà kbira li mill-vant infirxet fil-punent, sa' ma tellgħet Salib f'Ruma, Salib ta' Dawl u Ħajja flok it-tempju ta' Ġôve bil-qatgħa ta' allât oħra taħtu li kienu jaħkmu l-ħsieb u l-qalb ta' din il-beld pagana. Ir-Rebħa ta' niesna l-Maltin tista' tissejjaħ ir-Rebħa ta' Alla bil-ħaqq kollu. Tixhdu d-dinja nisranija ta' dawk iż-żminijiet imhedda mis-sejf tan-Nabi Mawmettu jekk dan li q'ed ingħid hux is-sewwa u xejn ħlief is-sewwa. Fil-qasir, il-fatti ta' din it-taqbida huma hekk: Il-Mislem, l-imperatur Soliman, hu għadu qalil tat-Twemmin Nisrani; biex iwaqqa' s-Salib minn l-artijiet nsara, u f'ħin wieħed jitħallas mill-Kavalieri, ifittex l-aħjar post fil-baħar-tan-nofs ħalli minn hemm ikun jista' jilħaq bil-ħeffa kollha l-artijiet nsara tal-qrib, iħarbathom u jiknes is-Salib minn fosthom. Il-Gżejjer Maltin ilaħħqu inqas mit-tlieta waħda tal-qawwa tal-flotta tiegħu. Ħaġa minn awl id-dinja l-kotra għandha tirbaħ u mela Soliman jista' jagħmilha ġewwa l-waqgħa ta' l-Ordni, u l-għajb tas-Salib. Imma, ħuti Għawdxin, hu hawn li nilmħuh id-driegħ ta' Alla, l-kotra ma tirbaħx; ħaġa ta' l-għaġeb, jirbaħ l-Ordni flimkien mal-Maltin u s-Salib jitla' sa fuq il-quċċata tas-sema tagħna, għax l-Għaqda ta' Kristu f'Malta toħroġ rebbieħa, u magħha d-dinja kollha. Hawnhekk, Għawdxin, nitgħallmu l-ewwel dmir tagħna. Ġid jitħallas b'iħor, u l-ġid li Alla għamel lil-Gżejjer tagħna jitħallas b'raħan ta' gratitudini billi natu lil Jave (1)— għax hekk irrid nsejjaħlu 'l Alla gwerrier tar-Rebħa ta' Settembru — qalb nadifa u niedma. Inħażżu salib fuq ġbinna u ngħidu għalenija: "Lil Jave Alla tan-Nazzjonijiet, aħna Maltin u Għawdxin, natu l Artna bil-glorja ta' l-istorja tagħha, bil-qedem taċ-ċiviltà tagħha." Dan hu l-ewwel dmir li jixħet fuq spallejna dan il-Jum kbir, dmir ta'

(1) *Jave* hu l-isem li l-Lhud kienu jatu lil Alla. Bil-għajnuna ta' Jave l-Lhud rebħu dejjem l-għedewwa.

Rebħa li hi marbuta ħaġa waħda mal-providenza ta' Alla, daqs kemm il-ħsieb hu marbut mal-moħħ, u l-ġisem tal-bniedem mar-ruħ.

Tħadditna mid-dmir reliġjuż l-ewwel għax hekk kif Alla hu fuq kollox u qabel kollox, fuq kollox u qabel kollox huma d-dmirijiet tagħna Lejh. Għalhekk l-ewwel dmir tagħna—u dan titlobulna llum in-nazzjon Maltija—hu li nitolbuh lil Dan Jave tar-Rebħiet biex hekk kif Hu qiegħed l-ewwel ġebel fil-bini tal-imperi ta' Ninive, ta' l-Assirja, tal-Greċja, ta' Ruma, ma jinsiehiex liċ-ċkejkna Malta, u jifthilna għajnejna meta qalbna tintela bil-frugħa tar-regħba, bil-frugħa ta' patrijottismu falz.

Ħolqa fl-istess katina tad-dmirijiet nazzjonali lejn Alla, jiġu d-dmirijiet lejn in-Nazzjon Ommna, li rabbietna taħt il-bewsa tas-sema tagħha ikħal nir, bħalma Omm trabbi l uliedha l-maħbubin. Dmir kbir nazzjonali hu li nħobbu lil pajjiżna b'imħabba safja, b'mixegħla nar ta' patrijottiżmu intelliġenti, ta' patrijottiżmu ċivili billi nqimu l-ideali ta' Artna fl-isem tal-progress li jixbaħ torri ta' dawl iħeġġeġ fit-tarf ta' triq il-bniedem: torri ta' dawl li fostna għandu jkun mkebbes min-nirien tal-imħabba Maltija, tal-qawwa Maltija, tal-ħeġġa Maltija. Bosta minn missierijietna ltaqgħu mal-mewt biex sa bil-mewt jagħmlu ġid lil-Gżejjer Maltin, is-sur ta' saħħa ta' l-ikbar istituzzjoni ta' dawk iż-żminijiet, irrid ingħid l-Ordni ta' San Ġwann. Kull min fostna mela jixtieq jagħmel il-ġid lil pajjiżu jista' jissejjaħ bin l-iljuni ta' Sant'Jiermu. Ma jimpurtax jekk ma jaqbelx magħna fuq kif għandu jsir dan il-ġid għal-pajjiż, jimporta biss li hu jħobb lil pajjiżu b'imħabba sinċiera u rżina. Naħarbu it-tiċrit ta' bejnietna għax ma jistax ikun li aħna naqblu f'kollox. Aktar minn elf sena ilu kittieb latin, il-magħruf Orazju, li għaraf iħawwar iċ-ċajt tiegħu b'ħafna għidut għaqli, qal fost ħwejjeġ oħra li kull ras għandha l-fehma tagħha. Dak li Orazju qal daqshekk snin ilu għadu jiswa għallum, u jibqa' jiswa għall-dejjem, għax il-psikoloġija tal-bniedem ma tistax titbiddel fis-sostanza tagħha. Mela naħmlu l-xulxin fejn ma nistgħux naqblu f'kollox, u niftakru li l-Greċja l-qadima, darba nixxiegħa ta' għerf, sfât fix-xejn għax iċ-ċittadini tagħha tqabdu bejniethom, sa ma saħħithom xterdet u rebaħhom l-għadu barrani. Għalhekk il-lum biex nkomplu d-dmir tagħna lejn in-Nazzjon, fl-isem tar-Rebħa ta' Settembru, nistiednu ma dwarna nies ta' kull fehma. Aħna llum ma nsaqsux—u kien ikun sagrileġġ u profanazzjoni li kieku nsaqsu—kif wieħed jaħsibha fuq din jew dik il-ħaġa; aħna il-lum insaqsu biss jekk hux Malti ħuna, jekk jixtieqx jieħu sehem fil-glorja nazzjonali ta' artna, mbilli jaħlef magħna li ma jfittex ħaġ'oħra ħlief il-ġid ta' Malta. Dan insaqsu aħna, u jekk hu jwieġibna b'qalbu f'idu li hu Malti, u xejn ħlief Malti,

Malti fil-ħsieb, Malti fil-qalb, Malti fil-ħidma, aħna nilqgħuh fostna, għax dija fuq ġbinu turina bid-dieher li hu ġej middemm ta' missirijietna li, bħall-iswar, laqgħu l-mewt bis-saħħa ta' sidirhom.

Għawdxin ħbiebi, jiena naħseb li ma hemmx ħaġ'oħra aktar qaddisa milli aħna nfakkru li din ir-Rebħa hi l-Għid ta' glorja Maltija, tifkira magħmula f'ġieħ niesna, biex ma jkun qatt li, Alla ħares, aħna nonqsu minn dmirna lejhom wara li taw kull ma setgħu—sa 'n-nifs ta' ħajjithom—għal-fidwa tal-Gżejjer Maltin. Nqabbdu l-koll flimkien ħuġġieġa nar quddiem ix-xbieha tagħhom mnaqqxa f'qalbna b'ittri tad-demm, bħala turija ta' gratitudini u qima, u, bħal Vestali ta' Ruma, ma nħallux li dan in-nar jintefa, għax ħsara taqa' fuqna, l-hemm li jilħaq bis-saħta u l-qilla lil min jipprofana dan il-jum. Għawdxin, ħażin għalina u għal uliedna jekk minn qalbna jintefa dan in-nar, għax sa' minn ġo qiegħ l-oqbra, sa' minn fuq l-iswar ta' Malta, u l-Kastell tagħna jqumu jċanfruna l-erwieħ kbar ta' missirijietna, li mietu għal-kobor u s-sebħ tan-Nazzjon. Ma nregħxuhomx lil dawn l-erwieħ, għax tal-biża' l-qilla tagħhom. Araw, dawn ħallewlna wirt u aħna dan il-wirt irridu ngħadduh bla mittiefes lil uliedna u wliedna lil uliedhom, sakemm jibqa' jinsab bniedem Malti "*Vitai lampada tradunt*". U għal biex tfakkarna f'dan iddmir il-lum sejħitilna n-Nazzjon, għalbiex timliena bl-ispirtu nadif tal-kobor tagħha, b'patrijottiżmu sinċier u sħiħ, li jerfana bl-imħabba lejn pajjiżna mingħajr ma jbellaħna billi jġagħlna nobogħdu pajjiżi oħra, jew ninfexxu fit-tmaqdir tagħhom. Bi ħsara kbira, hu patrijottiżmu bħal dan, tbaqbiq ta' rjus maħkumin mid-deni, li f'dawn iż-żminijiet q'ed iressaq iċ-ċiviltà ta' l-Ewropa lejn qabarha, hu patrijottiżmu ta' din il-għamla li q'ed irewwaħ il-ġamar ta' gwerra li l-lum jew għada għad tista' tiknes u tħarbat id-dinja kollha u triegħex lil Dak il-Bniedem-Alla li ppriedka lil-ġnus il-għaqda ta' bejn l-aħwa maddinja kollha, il-ħbiberija internazjonali. Għalhekk l-ispirtu talpatrijoitiżmu li dan il-jum għandu jqanqal fina jmissu jkun patrijottiżmu għaqli, li jġagħlna ngħożżu lil-Gżejjer tagħna b-imħabba li ma tafx taħsir, b'imħabba bla mittiefsa, b'imħabba li ma ġġagħlniex ninsew li, waqt li aħna ċittadini Maltin, bħala bnedmin u nsara aħna ċittadini tad-dinja kollha. Patrijottiżmu bħal dan jagħmel ġieh lil dan il-jum li l-lum qegħdin nagħmlu t-tifkira tiegħu, jagħmel ġieh lilna u lil uliedna billi nuru li fl-aħħar mill-aħħar aħna nafu x'inhu patrijottizmu, nafu nilħqu dmirna lejn Alla u lejn in-Nazzjon kif jixraq lil-intellett talbniedem.

Fost is-sejħat li llum irrid nagħmel lil niesi biex għalenija jagħarfu jħarsu minn kull għajb il-wirt li missirijietna ħallew-

lna—il-karattru nisrani wil-karattru Malti—jiena nagħmel sejħa lilkom, surmastrijiet u missirijiet, li għandkom f'idejkom it-trobbija taċ-ċkejknin, li għada jew pitgħada għad iridu jitgħabbew bir-responsabiltà ta' ċittadini biex jissoktaw ix-xogħol tagħna fejn nilħqu nwassluh aħna,għal-kobor u s-sebħ tal-Gżejjer Maltin. Lil dawn iż-żgħażagħ aħna rriduhom taħt idejna, waqt li għadhom jixbħu l-għesieleġ târja tad-dielja, għesieleġ li tista' tiddrittahom jekk jkunu mgħawġin. Lil dawn iż-żgħar aħna rridu ndaħħluhom fl-iskola tal-patrijottiżmu Malti bjex ngħallmuhom kelma b'kelma, xrara bi xrara, x'għamlu u x'ġarrbu l-Maltin qalbiena ma' tul l-Assedju, fejn bosta minnhom ħallew ħajjithom taħt ix-xwabel tal-ġannizzari torok, sakemm darba waħda l-flotta telqet lejn Kostantinopli, mgħobbija bil-għajb u l-ħsara tat-telfa, u fuq is-swar ta' Malta niżel maż-żerniq l-Anġlu tar-Rebħiet jixħet il-ward fuq l-iġsma ta' dawk li mietu fil-ġlieda t-tajba. Nieħduhom taħt idejna dawn iż-żgħażagħ, inrabbulhom demm Malti filvini ta' ġisimhom, u nrabbtu l-għeruq ta' qlubhom mal-glorja nazzjonali tagħna, mal-ħila nazzjonali ta' missirijietna:

Għax huma raw jitkissru waħda waħda
l-imrammi ta' l-iswar taħt in-nirien,
izda ħilithom ma nkisritx, u l-Għadu
hemm sabhom jistennewh fuq is-sisien.

Jaqbel nfakkar hawn li waqt li aħna ninsabu midjunin ma' dawn missirijietna għal ħafna ġid li għamlulna, aħna għandna niżżu ħajr ukoll lil-Ordni ta' San Ġwann, lil-Kavalieri tas-Salib, taħt it-tmexxija tal-qalbieni La Valette. Għax hekk jitlob il-ħaqq ta' l-istorja li kullħadd jieħu li jmissu. La Valette imbagħad, għalkemm ftit li xejn kien iġibna, fis-siegħa tal-hemm waqaf magħna, u, bl-għaqal ta' moħħu, ġieb ir-Rebħa f'Malta wittħarbit fil-flotta ta' Soliman, bil-ħila tal-Kavalieri wil-kotra tal-Maltin biss, billi Don Garcia de Toledo, il-Viċirè ta' Sqallija, ħaġ'oħra ma kienx jagħmel ħlief iwiegħed, tant li l-għajnuna li bagħat hu lil Maltin waslet meta kien ġa xtered bosta demm u t-taqbida kienet waslet fl-aħħar, jew l-hawn jew l-hemm. Dan ix-xwejjaħ Grammastru, mqit imma qalbieni, li ħalla ismu lil beld ta' Malta, jixraqlu monument kbir u sabiħ kif jixraq lis-slaten.

Ma stajniex ma ngħidux kelma ta' tifħir lill-Ordni tal-Kavalieri, għax kien jibqagħlna dejn x'inħallsu. Żewġ dnubiet mejta kontra r-reqqa tal-ħaqq isiru minn xi nies. L-ewwel dnub mejjet hu ta' dawk li jwaqqgħu l-glorja ta' l-Assedju fuq l-Ordni u l-kavalieri biss, it-tieni dnub mejjet hu ta' dawk li biex ifaħħru ż-żejjed iwaqqgħu l-glorja ta' dan il-jum fuq il-Mal-

tin biss. Marda ma titfejjaqx b'oħra. Il-Maltin kemm il-kavalieri għandhom it-tnejn sehem kbir fir-Rebħa li ħabbru l-qniepen ta' San Lawrenz fit-8 ta' Settembru tal-1565. Ftit li xejn isemmi fuq il-ħila ta' niesna l-Bosio, għax fid-dinja dejjem kien hekk kullħadd jiġbed lejh, u dan l-istoriku ma għamilx ħaġa oħra ħlief għolla l-ġieħ ta' l-Ordni mingħajr ma ta li ħaqqhom lil niesna, li kienu aktar fil-għadd, u xejn inqas mill-kavalieri fil-ħeġġa. Dan hu delitt kontra l-għira nazzjonali Maltija, li aħna l-lum, ulied dawn il-qalbenin, fittixna li nsewwu billi nqajmu t-tifkira ta' kull ma ġarrbu missirijietna għad-difiża tas-Salib, u l-karattru Malti, dak il-karattru Malti li, għalkemm ħafna ħakmu fuqna, ħadd għad ma kellu l-ħila jitfih jew jeqirdu, għax l-għira nazzjonali ta' individwalità maltija għadha sħiħa fostna, karattru dan li jagħżilna min-nazzjonijiet l-oħra kollha. Ir-riżultat ta' eluf ta' snin ta' storja, ta' ħakk ma' nazzjonijiet barranin, hu li aħna għadna Maltin, hekk li ma hemmx biża li Malta għad tkennen ġens ġdid, ġens li ma jkunx jista' jifhem il-glorja nazzjonali ta' dan il-Jum.

Imma din it-tifkira hi fuq kollox it-tifkira ta' glorja Maltija, tifkira. biex ngħid hekk, ta' Fidwa Maltija, fidwa mill qirda, billi r-Rebħa tat-8 ta' Settembru ħabbret lid-dinja li l-ħajja tal-Maltin kienet salvata, li l-Għaqda Maltija kienet għadha sħiħa. Għax x'kien isir minna li kieku flok ir-rebħa niesna kellhom it-telfa? L-agħar li konna naħbtu konna nkunu aħna l-Maltin u Għawdxin biss, għax tassew li Mustafà biex jitħallas kien jeqred l-Ordni bl-għeruq u x-xniexel, bħalma kien meqrud minn Rodi u Tripli, imma għal-inqas minn tal-Kavalieri fid-dinja kien jibqa' n-nisel ta' ġenshom. It-Torok ma kienux se'r jeqirdu l-ispanjoli billi jeqirdu l-berġa tal-kavalieri spanjoli, u l-anqas il-Franċiżi jew lit-Taljani u oħrajn billi jeqirdu l-bereġ tal-kavalieri ta' dawn in-nazzjonijiet, imma lilna kienu jtajruna mid-dinja darba għal-dejjem. Għax aħna żgħar fil-għadd, u Malta biss darna; għal-hekk li kieku t-Torok ħakmu l-Gżejjer tagħna, kieku kienu jonxruna kollha fuq ix-xafra tas-sejf, jew, aktar agħar, kienu jix-ħtuna lsiera naqdfu fuq ix-xwieni ta' Soliman, inkella jxekkluna għal-bejgħ, bħal bhejjem tal-biċċerija, fis-swieq ta' Ġirba. U b'hekk, ħuti Għawdxin, kien jintefa ġens minn wiċċ id-dinja, għax dawk il-ftit li kien jirnexxilhom isalvaw ġildhom kienu, mbagħad, jinxtorbu mill-kotra ta' nazzjonijiet oħra. Taraw, mela, li din hi l-festa tal-fidwa Maltija, l-aqwa Għid ta' ferħ u kobor fil-ġrajja ta' pajjiżna, u li għaldaqshekk id-dmirijiet, li dan il-jum ifakkarna fihom, huma dmirijiet kbar li ma nistgħux naħarbu-hom mingħajr ma niġbdu s-saħta ta' missirijietna fuqna.

Għawdxin, jiena fittixt li nagħmel it-tifkira ta' dan il-jum għażiż bla ma nintafa fuq l-istorja bħala storja, jiġifieri jiena fit-

text kemm stajt li nressaq quddiemkom ir-Rebħa ta' l-Assedju l-Kbir bħala ħaġa ħajja, li għadha marbuta ma' ruħna sal-ġurnata mqaddsa tal-lum, u tibqa sakemm Malta tibqa Malta. Urejtkom mill-aħjar li stajt li ħażin ikun għalina jekk aħna nimxu fuq patrijottiżmu falz, u ninsew id-dmirijiet nazzjonali lejn Jave Alla li jifrex il-wisgħa ta' ġwenħajh fuq in-nazzjonijiet (l-aktar fuq in-nazzjonijet żgħar bħal tagħna) wid-dmirijiet lejn il-Gżejjer Maltin, biex aħna nroddu bla mittiefsa l-ġieħ u l-kobor tagħhom lil uliedna u lil ulied uliedna għal dejjem.

Għax jidhirli li bħal issa q'ed nisma ilħna marbuta f'inni Maltin, mimlijin daqs il-mużka tal-Arkanġli, jinfirxu mal-beraħ tas-sema, fuq il-wisa' tal-baħar, fuq ix-xuxa tas-siġar, fuq il-blat tal-widien, jinsġu l-epos tar-Rebħa, l-epos Malti li aħna l-lum nitgħallmu b'qalb xewqana biex bih nqanqlu d-demm u l-għeruq tal-qalb ta' wliedna, ħalli nagħmluhom suldati Maltin fl-isem ta' dawk li kitbu bid-demm ta' laħamhom, b'demmhom aħmar daqs in-nar, l-isbaħ u l-oħla paġna ta' l-istorja ta' pajjiżna!

Ġużê Aquilina.

# WARD MALTI

VII.

## INNU MALTI

*(Versi ta' Dun Karm—Mużka tal-Prof. R. Samut)*

Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha
ħares, Mulej, kif dejjem int ħarist:
ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.

Ati, kbir Alla, d-deh'n lil min jaħkimha,
rodd il-ħniena lis-sid, saħħa 'l ħaddiem:
seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

*Din ħadet l-ewwel premju*]

# IL-BIERAĦ......IL-LUM

*Lilek Ġ...ifhimni.*

Jien kont għasfur; kont ngħanni, kont nittajjar
Minn qalb id-dell tal-frieghi għal fuq l-għadajjar,
Minn fuq l-għoljiet ħadrana għal fuq ix-xmajjar,
Mix-xmajjar għal-widien,
Ferħan,
Dejjem ferħan,
Ferħan li nista' 'mmur fejn irrid jien.

U qalbi kienet hemm fl-għoli tas-sema
Titliegħeb f'dak il-ġmiel ta' sħab bajdani,
Le, qatt ma qabżet minn għajnejja demgħa,
Għax kollox kien daħkani.

Iżda kif darba x-xemx ta' fil-għaxija
Kienet q'ed tgħib wara l-għoljiet dellija
U tħammar is-smewwiet,
Ah, f'dak is-skiet,
Maż-żiffa, mill-ħaxix telgħet il-fwieħa
Tal-ward, u magħha l-għanja li bil-ħlewwa
Messitli qalbi w baqgħet dieħla ġewwa.

Jien żammejt sħiħ. Għalxejn. Ma stajtx nagħlibha
Dik is-sejħa ta' seħer. Tielgħa ħdejja,
Serqitli qalbi għal kollox. Xtaqt li ninżel
Biex nara mnejn hi ġejja.

U bla ma qgħadt naħsibha,
Ċħadt is-sema li kont fiha,
Ċħadt il-wesa tal-irjieħ,
Ċħadt ix-xemx ma ridtx naf biha,
Ċħadt dak l-hena li kont fih.
U minnufih
Inżilt.

* * *

Hemmfuq ix-xemx il-lum qe'd tisreġ sħiħa;
Bajdani s-sħab fis-sema
Jiġġerra mal-irjieħ; tal-ward il-fwieħa,
Il-ħsejjes tal-widien, l-għana ta' sħabi,
L'għajta tal-bhejjem,
Kollox, kollox għad hemm, jinħass, jinstema,
U jibqa' għal dejjem.
Kollox għad hemm... Jien iżda le. Qarrieqa
L-għanja ressqitni lejn il-qafas. Dieqa
Ta' qalb hi ħajti 'llum f'ħoġor di' t-tieqa.

20 ta' Awissu 1933 — L. E. Martin (Art. Vassallo)

# TAGĦRIF

## IL-KONKORS

Billi dax-xahar ma nistgħux nitkellmu fit-tul fuq il-konkors ta' kitba Maltija, sa nsemmu biss il-kitba li bagħtulna u dawk li rebħu l-premijiet.

### POËŻIJA

*Thewdin ta' Erodi* (Rokrana). *L-Għanja ta' qalbi* Redo Reo Apollo). *Il-bieraħ......il-lum* (L.E. Martin) *L-armel* (Malti ninu). *Is-sunett Malti* (Siġġiewi). *Ballata* (Lankadiva). *L-Ulied foqra tal-armel* (Raħli Malti). *Għaż-żagħżugħ G. Pisani* (Raħli Malti) *Lil Filfla* (Tres Montes).

### PROŻA

*Salvu u Ġwanna jinħabbu* (Placidus) *Dehriet....*(Redo Reo Appollo) *Għal pajjiżu* (Verlom) *Mewt b'mewt* (X.L.M.) *Is-sejħa tad-demm* (Roskrana) *Leħen il-Malti* (Raħli Malti) *Glieda f'Raħal* (Żagħżugħ Malti). *Xorti ħażina* (Eminens). *Epopea minsija* (Lejram) *Omm* (Panajotti). *Grajja qadima Għawdxija* (Eminens).

Rebħu premijiet fil-poëżija:

*Il-bieraħ... il-lum* ta' L.E. MARTIN (Art. Vassallo) l-ewwel.
*Għanja ta' qalbi* ta' REDO REO APOLLO (Ġ. Chetcuti) it-tieni.
*Lil Filfla* ta' TRES MONTES (Ġ. Pisani) it-tielet.
*Għaż-żagħżugħ Ġ. Pisani u L-Ulied foqra tal-Armel* ta' RAHLI MALTI (Carm. Vassallo) imsemmijin b'tifħir.

Bejn it-tliet poeżijiet li rebħu l-premju divrenzja żgħira hemm.

Rebħu premijiet fil-proża :

*Salvu u Ġwanna jinħabbu* ta' PLACIDUS (M. Agius) l-ewwel.
*Għal pajjiżu* ta' VERLOM (Naz. Carabott) it-tieni.
*Ġlieda f'Raħal* ta' ŻAGHŻUGH MALTI (Ant. Farrugia) it-tielet.

Imsemmijin b'tifħir :

*Sejħa tad-demm* ta' ROSKRANA (W. Gouder) *Epopea minsija* ta' LEJRAM (Ed. Coloiro). *Dehriet....* ta' REDO REO APOLLO (Ġ. Chetcuti),

Darb'oħra nerġgħu nitkellmu.

Bil-qalb kollha nġibu f'din il-ħarġa ta' "Leħen-il-Malti" is-sunett ta' Dun Karm "Wied Qirda" li deher fl-aħħar Almanakk ta' Muscat, u issa maqlub fl-Ingliż mill-ħabib tagħna Mr. Daniel J. Arkell.

Il-ġmiel, il-qawwa, u s-setgħât tal-lsien malti jistgħu hekk ikunu magħrufa mill-barranin ukoll.

# WIED-QIRDA

Meta ninżel hawnhekk fil-waqt li ħamra
ix-xemx tistaħba wara l-Fuqqanija,
u nara d-djar u l-fuq mid-djar xi tamra
isewwdu fuq il-ward ta' dik id-dija;

fil-waqt li f'qalb tħobb tixgħel bħal ġamra
ix-xewqa tal-mistrieħ ġe' dar kennija,
u l-aħħar xbejba—li x-xemx għamlet samra—
titla b'xi midra jew b'xi luħ mgħobbija;

nisma ġe' l-fraxxnu w ġe' l-ħarrub tal-plajja
bħal karba twila ta' min q'għed ibati
u jigdem l-art fl-uġigħ ta' l-aħħar firda;

u ħsiebi jarġa l-ura lejn il-ġrajja
ta' min għalina kien bil-bosta ħati,
u nħoss għaddejja l-Mewt minn fuq Wied-Qirda.

DUN KARM.

*When I come down here in the lights that fade,*
*While spend-thrift Sun gives his last rosy store*
*I see, above the houses, palms displayed,*
*Black shadowed, but with edges gilded o'er.*
*Love burns as coals upon the ingle laid*
*In cosy room behind the fast-closed door,*
*And, homeward turned, I see a sun-browned maid*
*Weary, she bears the fan from winnowing floor.*
*Then from the ash and carobs on the shore*
*Comes forth a groan of one who, suffering pain,*
*With the last gasp in fury bites the dust.*
*Pale memory recalls the deeds once more*
*Of those whom, loved, I shall not see again :*
*And through the* Wied *I feel Death's passing gust.*

**ABBONAMENT**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.